DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1076

tat-22 ta' Ġunju 2021

li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Ċeka, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ċek,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), biex ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġew proposti s-Sur Martin KLIKA u s-Sur Jaromír NOVÁK għall-ħatra.

(4) Il-Gvern Ċek ippropona r-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2025: is-Sur Pavel KARPÍŠEK, *Zastupitel Plzeňského kraje* (Rappreżentant tar-Reġjun ta' Pilsen), u s-Sur Jiří ŘEHÁK, *Zastupitel Ústeckého kraje* (Rappreżentant tar-Reġjun ta' Ústecký),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali huma b'dan maħtura bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2025:

— is-Sur Pavel KARPÍŠEK, *Zastupitel Plzeňského kraje* (Rappreżentant tar-Reġjun ta' Pilsen),

— is-Sur Jiří Řehák, *Zastupitel Ústeckého kraje* (Rappreżentant tar-Reġjun ta' Ústecký).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).